**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 26 tal-4 ta' Ġunju 2013 fuq punt imqajjem mill-Onor George Pullicino fis-Seduta 25 tat-3 ta' Ġunju 2013 dwar l-aġenda u l-persuni li jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

Fis-seduta tal-bieraħ l-Onor. George Pullicino talab *ruling* mis-Sedja minħabba l-fatt li kif spjega hu waqt li kien preżenti l-bieraħ stess fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp huwa qal li skond l-artikolu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp Kap 504,

> "Il-Kumitat Permanenti għandu l-ewwel jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu:
>
> (i) jirrakkmanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandu jiġi approvat b'emendi jew riġettat.
>
> (ii) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' struttura jew kull reviżjoni ta' dak il-pjan.
>
> (iii) jiddiskuti kull pjan jew *policies* oħra riferita lilu mill-Ministru u tirrapporta fuqu lill-Parlament."

Fl-ispjega tiegħu lis-Sedja l-Onor. George Pullicino għalhekk qal li ladarba:

> "fl-aġenda tal-laqgħa tal-lum m'hemm xejn li huwa wieħed minn dawn it-tliet rekwiżiti, tliet għanijiet li għalihom dan il-Kumitat huwa mwaqqaf".

huwa talab *ruling* dwar jekk il-laqgħa ta' dan il-Kumitat kenitx skond ir-*remit* li joħroġ mill-istess liġi. Huwa qal ukoll – u nikkwota:

> "Kull ma kien hemm hija biss introduzzjoni mic-Chairperson li stiednet lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-MEPA kif ukoll lill-Ministru tal-Ambjent, imbagħad id-diskussjoni dwar id-direzzjoni tal-politika tal-Gvern fejn jirrigwarda l-ambjent u l-ippjanar tal-iżvilupp u l-involviment tal-*istakeholders* kollha f'din il-mixja."

Skond l-Onor. George Pullicino allura f'dak li kien hemm indikat fl-aġenda tal-kumitat tal-bieraħ m'hemm xejn konkret minn waħda mit-tliet rekwiżiti indikati f'artiklu 34 tal-istess Att u għalhekk baqa' jsostni li s-Sedja għandha tagħti *ruling* dwar l-andament tal-istess Kumitat. L-Onor. George Pullicino ġibed l-attenzjoni tas-Sedja li meta fil-Kumitat huwa talab biex jagħmel mistoqsijiet fuq stqarrijiet ta' persuni mistiedna eżatt kif għamlu l-*istatements tagħhom* biex – u nikkwota:

> "aħna bħala membri tal-Kumitat nkunu nistgħu niċċaraw id-diskussjoni fuq dak li ġie espress min-nies esterni, iċ-Chairman jew Chairperson effettivament qaltli li tintervjeni wara li n-nies kollha mistiedna jagħmlu l-istqarrija tagħhom."

L-Onor Pullicino rrimarka wkoll li l-lista tal-persuni mistiedna biex jindirizzaw lill-Kumitat ma kenitx ġiet diskussa mal-Membri tal-istess Kumitat.

L-Onor Pullicino qal li minħabba dawn ir-raġunijiet, huwa kien qiegħed jitlob ruling.

Minnufih wara, ċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Marlene Farrugia, spjegat lis-Sedja li artiklu 34 li jistabilixxi l-andament ta' dan il-Kumitat Permanenti jagħmel parti minn liġi li l-ispirtu tagħha huwa:

> *"To protect the Environment, to make provision for the planning and management of development and for the establishment of the authority with powers to that effect and for matters connected therewith or ancillary thereto".*

L-Onor. Marlene Farrugia spjegat li l-aġenda tal-ewwel laqgħa ġiet komunikata lill-Onor. George Pullicino madwar ġimgħatejn qabel u li d-data ta' meta kellu jiltaqa' l-Kumitat inbidlet xi tliet darbiet biex jiġu akkomodati l-membri kollha biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat permanenti. Hija spjegat li filwaqt li tifhem dak li hemm elenkat *in black and white* fil-liġi fejn titkellem dwar x'inhuma l-poteri tal-kumitat permanenti, mkien ma rat li huwa eskluż li jiġu kkonsultati NGOs. Hija spjegat - u nikkwota:

> "Xtaqt illum li mhux biss nagħti opportunità lill-Onor. George Pullicino biex jitkellem, jistaqsi u jifhem dak li jixtiequ minna dawn l-NGOs però li jkollna wkoll ċans li bħala Kumitat niddiskutu."

L-Onor. Marlene Farrugia kompliet tgħid li meta twaqqaf dan il-Kumitat – u nikkwota:

> "Nagħlaq b'dan il-punt, imkien *when this steering committee was established* m'hemm miktub li *I should not* jew *I shall not* nsejjaħ NGOs biex nikkonsulta magħhom. Nerġa' nagħlaq kif spiċċajt li l-ispirtu tal-Att innifsu anzi jitlob li dak huwa neċessarju li jsir biex aħna verament jkollna Att li meta tpoġġih fil-prattika u fir-realtà jagħti l-effett tiegħu. Naħseb jiena li waħda mill-iktar mezzi importanti biex nassiguraw dan huwa li aħna jkollna involviment sħiħ tal-NGOs li jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ f'dan il-mestier."

Wara li l-Onor. Marlene Farrugia spjegat dan kollu, l-Onor. George Pullicino talab li jerġa' jispjega lis-Sedja u qal hekk – u nikkwota:

> "Fil-qosor ħafna. Li nixtieq ngħid huwa li min-naħa tal-Oppożizzjoni m'għandna l-ebda diffikultà nisimgħu lill-ebda persuna, anzi ħalli npoġġiha b'mod pożittiv, għandna nisimgħu lil kulħadd sakemm huwa fuq dak stabilit fil-liġi fuq il-kumitat li għalih huwa mwaqqaf il-Kumitat Permanenti."

Fid-dawl tal-aħħar rimarka tal-Onor Pullicino kif riprodotta hawn fuq, l-Onor. Carmelo Abela talab lill-Onor. George Pullicino jirrikonsidra t-talba tiegħu għal ruling u minflok jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

Għal dan is-suġġeriment tal-Onor. Abela, l-Onor. George Pullicino ikkonkluda hekk – u nikkwota - :

> "Mr Speaker, il-kwestjoni mhijiex min jiġi mistieden, dik ukoll kont nippretendi li skond il-prassi l-kumitat jiddiskutiha. Il-kwestjoni prinċipali mhijiex dik, il-kwestjoni hi li l-kumitat għandu jiddiskuti b'mod konkret dak li hu stipulat fil-liġi u li għaliha l-kumitat huwa mwaqqaf. Dan huwa l-punt prinċipali."

Għaldaqstant is-Sedja wara li semgħet il-partijiet u ħadet konjizzjoni ta' dak kollu li ntqal qiegħda tgħaddi għar-Ruling li ntalab.

Is-Sedja l-ewwel eżaminat x'jgħid eżattament l-Artiklu 34 tal-Kap 504 li huwa l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp - u nikkowta:

> "34 (1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra li minnhom tlieta jkunu membri li jappoġġjaw lill-Gvern u li minn fosthom wieħed jinħatar bħala Chairman u li t-tnejn l-oħra ikunu membri magħżula mill-Oppożizzjoni.
>
> (2) Il-Kumitat Permanenti għandu:
>
> (a) jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.
> Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dan il-Pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew riġettat;
> (b) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x'jaqsam mal-Pjan ta' Struttura jew kull reviżjoni ta' dak il-Pjan;
> (c) jiddiskuti kull pjan jew *policies* oħra riferita lilu mill-Ministru u tirrapporta fuqu lill-Parlament. Dan ir-rapport jista' jinkludi wkoll kull opinjoni li ma jaqblux dwar il-pjan jew *policies*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tal-imsemmi rapport u għandu jibgħat ir-rapport lill-Awtorità għall-konsiderazzjoni tagħha fid-determinazzjoni mill-Awtorità tal-pjan jew *policy* jekk l-imsemmi pjan jew *policy* tkun għadha ma ġietx approvata mill-Awtorità:
>
> Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jirrapporta lill-Parlament fil-perjodu li għalih kien mitlub li jagħmel dan il-Ministru jista' jitlob lill-Awtorità tiffinalizza l-imsemmi pjan jew *policy* u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmi pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Awtorità".

Dan huwa primarjament xi jgħid l-artiklu 34 dwar il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Issa meta wieħed jeżamina dan l-artiklu huwa veru li l-Kumitat Permanenti huwa marbut li jiddiskuti waħda jew oħra kif huma indikati f'artiklu 34 subinċiż (2) (a), (b) u (ċ) imma huwa veru wkoll li l-Kumitat huwa liberu li biex jiddiskuti kull waħda minn dawn, jista' jiftaħ dibattitu b'mod ġenerali biex ikun jista' jmexxi d-diskussjoni kif jidher effettivament li sar fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat. Jidher li dan hu li fil-fatt sar miċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Marlene Farrugia, meta ssettjat l-aġenda, liema aġenda intbagħtet lill-Membri tal-Kumitat ġranet sew qabel ma ltaqa' dan il-Kumitat.

Il-vjolazzjoni ta' artiklu 34 allura jseħħ biss meta jkun hemm rapport jew rakkomandazzjoni li jmorru kontra r-*remit* tal-istess artiklu 34. F'dan il-każ kienet l-ewwel laqgħa tal-istess Kumitat u kif wieħed jista' jara u jifhem minn dak li qal l-istess Onor. George Pullicino,

jidher li f'dak li għandu x'jaqsam mal-persuni li ġew mistiedna huwa ma kienx qed isib problema imma kien qed jitlob *ruling* dwar x'għandu x'jiddiskuti b'mod konkret l-istess Kumitat. Għaldaqstant ma jidhirx li hawnhekk kien hawn vjolazzjoni tal-artiklu 34 ladarba l-Kumitat m'għamilx xi proposti jew ma marx kontra dak li huwa indikat fil-liġi li twaqqaf dan il-Kumitat permanenti. Anzi kif qalet l-istess Chairperson, l-Onor. Marlene Farrugia, li kienet qed tagħmel huwa – u nikkwota:

> "Jien kont qed nitlob kontribut u kontribuzzjoni ferm importanti u ferm effettiv tal-NGOs".

Dan ifisser li biex wieħed ikun jista' jasal għal kwalunkwe eventwalità dwar dak li għalih twaqqaf l-istess Kumitat taħt dak li huwa definit f'artiklu 34, ma jeskludix li fl-aġenda jkun hemm li l-membri tal-Kumitat jiddiskutu ma' NGOs jew ma' persuni esperti biex ikunu jistgħu jaslu f'waħda jew l-oħra minn dak li huwa indikat f'artiklu 34(2) ta' dan il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Ovvjament wieħed irid joqgħod attent kemm jista' jkun li jevita li jkun hemm problemi bejn il-partijiet u diżgwid dwar l-istess aġenda. Hija prerogattiva tal-istess Chairman li jkun responsabbli mill-mod kif imexxi dan il-Kumitat u kif jgħid tajjeb l-istess Erskine May f'paġni 795 u 796 tat-23 edizzjoni tal-istess ħarġa tiegħu, fejn jgħid – u nikkwota:

> "*Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker*".

Però dan ma jfissirx li ċ-*Chairperson* m'għandux b'xi mod jasal f'*consensus* mal-Membri tal-Kumitat dwar it-tfassil tal-aġenda u li jkun hemm ftehim jew almenu kunsens bejn il-membri kollha biex ikun hemm andament aħjar fix-xogħol tal-istess Kumitat permanenti. Għalhekk il-*bonsens* f'dan ir-rigward huwa mitlub mill-partijiet kollha, għaliex kif tirrimarka din is-Sedja u kif ġie rimarkat f'diversi *rulings* oħra preċedenti, fil-kumitati kollha permanenti fl-aħħar mill-aħħar huwa l-*bonsens* li jirbaħ u mhux il-ktieb tar-regoli u l-prassi, li ċertament huma l-pedamenti li fuqhom jinbena l-aħjar andament tal-istess xogħol ta' dan il-Kumitat.

Għalhekk dan ir-*ruling* wieħed jista' jispjegah aħjar li huwa aktar marbut fuq il-bonsens milli jekk wieħed jew l-oħra għandhomx raġun dwar xi punt partikolari. M'hemmx dubju li dan il-kumitat huwa marbut ma' dan l-Att partikolari li huwa l-Kap. 504, u ma kien hemm xejn irregolari jew xi vjolazzjoni tal-istess artiklu 34 li bih dan il-kumitat ġie stabbilit.

Kif jgħid eżatt il-Professur Ivor Jennings fil-pubblikazzjoni tiegħu "Parliament" f'paġna 265 fejn jispjega r-raġuni għalfejn twaqqfu l-kumitati tal-Kamra, huwa proprju biex kemm jista' jkun, ikun hemm iktar prattiċità, biex ma jkunx hemm *obstruction* fl-istess dibattitu u biex ukoll inaqqas il-komplikazzjoni ta' dak li għandu jiġi diskuss f'liġijiet partikolari fejn is-sistema tkun prattikament impossibbli jekk ikun se jitkellem kulħadd fil-plenarja. Għalhekk jgħid – u nikkwota:

> "*Until 1882 therefore all bills which were not specifically and specially referred to a select committee were committed to a committee of the whole House. However the growth of obstruction, the desire of members to speak and the complication of legislation made this system impracticable.*"

Dan ifisser li l-kumitati tal-Kamra jridu jkunu kemm jista' jkun jiffunzjonaw b'mod prattiku u jipprevali l-bonsens. Għalhekk is-Sedja qed tagħti dan ir-*ruling* għal dak li ntalab mill-Onor. George Pullicino, u preċiżament dwar dak li indika b'mod ċar biex din is-Sedja tesprimi ruħha dwar il-kwestjoni prinċipali, jiġifieri jekk il-kumitat in kwestjoni għandux jiddiskuti b'mod konkret dak li huwa stipulat fil-liġi li biha l-kumitat huwa mwaqqaf. Is-Sedja tiddeċiedi billi tgħid li filwaqt li m'hemmx dubju li l-kumitat huwa mwaqqaf skont l-artiklu 34 tal-Kap. 504, tgħid ukoll li minn eżami tal-istess aġenda li tal-laqgħa tal-bieraħ tal-istess kumitat, ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 34 tal-istess Att.